MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 694/2005

Kawza fil-lista: 12

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**BPT Company Limited, Brian u Doreen mizzewgin Camilleri, Timothy u Corinne mizzewgin Camilleri, Peter u Bridgette mizzewgin Sullivan**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 11 ta' Gunju, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini (Dok "A"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet ta' *"Loan u Overdraft"* lis-socjeta' konvenuta BPT Company Limited;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta BPT Company Limited fis-somma ta’ sebgha u tletin elf, mitejn u tlieta u erbghin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm37,243.40) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta’ BPT Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1” sa “B41”, u Dok. “C1” sa “C2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mil-14 ta’ Lulju, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

U premess illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe’ dak datat 11 ta’ Gunju, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini (Dok “A”), kif ukoll permezz ta’ skrittura privata datata 30 ta’ Jannar, 1998 (Dok. “E”) il-konvenuti Timothy u Corinne mizzewgin Camilleri iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ BPT Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ BPT Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe’ dak datat 11 ta’ Gunju, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini (Dok “A”), kif ukoll permezz ta’ skrittura privata datata 30 ta’ Jannar, 1998 (Dok. “F”) il-konvenuti Peter u Bridgette mizzewgin Sullivan iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ BPT Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ BPT Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokument “E” anness mal-kuntratt datat 11 ta’ Gunju 1998 in atti Nutar Dottor Mark Coppini (u hawn esibit bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ konvenuta BPT Company Limited u/jew Brian u Doreen mizzewgin Camilleri u/jew Timothy u Corinne mizzewgin Camilleri u/jew Peter u Bridgitte mizzewgin Sullivan (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat (c) ma humiex fl-istat li jhallsu l-kredituri taghhom fiz-zmien pattwit, u/jew, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti li jipperikolaw u/jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu, u b’hekk il-

konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi u anki permezz ta' erba' ittra ufficjali datat 27 ta' Jannar 2003 u li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "G", "H", "I", u "J" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti,

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 11 ta' Gunju, 1998 in atti Nutar Dottor Mark Coppini fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' BPT Company Limited u/jew Brian u Doreen mizzewgin Camilleri u/jew Timothy u Corinne mizzewgin Camilleri u/jew Peter u Bridgitte mizzewgin Sullivan (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat (c) ma humiex fl-istat li jhallsu l-kredituri taghhom fiz-zmien pattwit, u, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta' BPT Company Limited, Brian u Doreen mizzewgin Camilleri, Timothy u Corinne mizzewgin Camilleri u Peter u Bridgitte mizzewgin Sullivan, jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf, mitejn u tlieta u erbghin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm37,243.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' BPT Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B41", u "C1" sa "C2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mil-14 ta' Lulju, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Jannar, 2003 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed

jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it- talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t- talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------